

32002L0099

23.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 18/11

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2002/99/KE

tas-16 ta' Diċembru 2002

li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Fil-kuntest ta' suq wieħed, regoli sanitarji speċifiċi għall-annimali kienu stabbiliti biex jiddeterminaw il-kummerċ intra-Komunitarju fir-rigward tal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni minn terzi pajjiżi ta' prodotti li oriġinaw mill-annimali u ddestinati għal konsum uman, inklużi fl-Anness I tat-Trattat.
- (2) Bis-saħħa ta'dawk ir-regoli tneħħew l-ostakoli fil-kummerċ tal-prodotti msemmija, u għalhekk ikkontribwixxew għar-realizzazzjoni ta' suq intern, waqt li assiguraw livell għoli fil-ħarsien tas-saħħa ta' l-annimali.
- (3) L-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jevita l-introduzzjoni jew it-tixrid ta' mard ta' l-annimali li jirriżulta minnħabba li jkunu tqiegħdu prodotti li oriġinaw mill-annimali fis-suq. Huma jinkludu wkoll dispożizzjonijiet komuni li jikkonċernaw b'mod partikolari r-restrizzjonijiet applikabli meta prodotti li jitqiegħda fis-suq ikunu ġejjin minn azjenda jew żona nfettata minn mard epiżotiku u l-obligu li prodotti ġejjin minn żoni ristretti jkunu suġġetti għal trattament biex jinqered l-aġent patoġeniku.
- (4) Dawk id-dispożizzjonijiet komuni għandhom ikunu armonizzati biex jitneħħew inkonsistenzi li ddaħħlu meta regoli speċifiċi dwar is-sanitá ta' l-annimali kienu addottati. Din l-armonizzazzjoni ser tassigura l-implimentazzjoni omoġenea tar-regoli sanitarji għall-annimali f'kull parti tal-Komunitá u tintroduċi trasparenza akbar fl-istruttura tal-legislażzjoni tal-Komunitá.
- (5) Kontrolli veterinarji fuq prodotti li oriġinaw mill-annimali u ddestinati għall-kummerċ għandhom isiru skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna l-kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-komunitarju bil-ħsieb li jkun irrealizat

is-suq intern ⁽⁴⁾. Id-Direttiva 89/662/KEE tinkludi miżuri ta' ħarsien li jistgħu jkunu mplimentati fil-każ li jkun hemm periklu serju għas-saħħa ta' l-annimali.

- (6) Prodotti mportati minn terzi pajjiżi ma għandhomx ikunu ta' periklu għall-bhejjem tat-trobbija tal-Komunitá.
- (7) Għal dan il-għan, għandhom ikunu introdotti proċeduri biex jipprevjenu l-introduzzjoni ta' mard epiżotiku. Dawn il-proċeduri jinkludu evalwazzjoni regolari tas-sitwazzjoni sanitarja ta' l-annimali fit-terzi pajjiżi kkonċernati.
- (8) Għandhom ikunu introdotti Proċeduri biex jistabbilixxu regoli speċifiċi jew kriteriji li jkunu applikabli fl-importazzjoni ta' prodotti li oriġinaw mill-annimali.
- (9) Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' laħam ta' bhejjem tat-trobbija bid-dwiefer u prodotti ppreparati minn jew maġħmula minn dan it-tip ta' laħam huma diġá msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 li tikkonċerna l-problemi ta' spezzjonijiet sanitarji u veterinarji meta jkunu mportati annimali bovini jew qżieqeż u laħam frisk minn terzi pajjiżi ⁽⁵⁾.
- (10) Il-proċeduri li huma applikabli fl-importazzjoni tal-laħam u ta' prodotti tal-laħam jistgħu jkunu mudell għall-importazzjoni ta' prodotti oħra li oriġinaw mill-annimali.
- (11) Il-Kontrolli veterinarji fuq prodotti li oriġinaw mill-annimali mportati fil-Komunitá minn terzi pajjiżi għandhom isiru skond id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KEE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistopola l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu minn terzi pajjiżi fil-Komunitá from pajjiżi terzi ⁽⁶⁾; Id-Direttiva 97/78/KEE tinkludi miżuri ta' ħarsien li jistgħu jkunu mplimentati fil-każ li jkun hemm periklu serju għas-saħħa ta' l-annimali.
- (12) Wieħed għandu jikkonsidra il-linji gwida msemmija mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) meta jaddotta regoli għall-kummerċ internazzjonali.
- (13) Verifiki u spezzjonijiet mill-Komunitá għandhom ikunu organizzati biex jassiguraw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet sanitarji għall-annimali b'mod omoġenju.
- (14) Il-Prodotti li huma suġġetti għal din id-Direttiva huma elenkati fl-Anness I tat-Trattat.

⁽¹⁾ ĠU C 365 E, tad-19.12.2000.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali mogħtija fit-28 ta' Marzu 2001.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew mġhotija fil-15 ta' Mejju 2002.

⁽⁴⁾ ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE (ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49).

⁽⁵⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolamenti (KE) Nru 1452/2001 (ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 11).

⁽⁶⁾ ĠU L 24, 30.01.98, p. 9.

- (15) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu addotati skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipola l-proċeduri ta' l-eżerċizzju li jimplementa l-poteri kkonferiti lill-Kummissjoni⁽¹⁾,

IL-KAPITOLU I

REKWIŻITI SANITARJI GĦALL-ANNIMALI APPLIKABBLI F'KULL STADJU TAL-PRODUZZJONI, IPPROĊESSAR U DISTRIBUZZJONI TA' PRODOTTI LI ORIĠINAW MILL-ANNIMALI ĠEWWA L-KOMMUNITÀ

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 3

Artikolu 1

Ambitu

Din id-Direttiva tistipola r-regoli ġenerali sanitarji għall-annimali li jirregolaw l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni fil-Komunità u l-introduzzjoni minn terzi pajjiżi ta' Prodotti li oriġinaw mill-Annimali u Prodotti dderivati minnhom u li huma maħsuba għall-konsum uman.

Dawn ir-regoli ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet imsemmija fid-Direttivi 89/662/KEE u 97/78/KE u d-Direttivi elenkati fl-Anness I.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għal għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet fir-Regolament (KE) No 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipolaw l-prinċipji u r-rekwiżiti tal-liġi ta' l-ikel, u li jstabilixxu l-Awtoritá Ewropea għas-sigurtá ta' l-ikel u li jsemmu l-proċeduri f'dak li għandu x'jaqşam mas-sigurtá ta' l-ikel⁽²⁾ u d-Direttiva 97/78/KE għandhom ikunu applikabbli kif neċessarju. Id-Definizzjonijiet segwenti japplikaw ukoll:

1. "l-istadji kollha tal-produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni" tfisser kull stadju minn meta u dan jinkludi l-produzzjoni primarja ta' ikel li jkun oriġina mil-annimali, sa meta u dan jinkludi l-ħażna, it-trasportazzjoni, il-bejgħ u l-forniment lill-konsumatur aħħari;
2. "introduzzjoni" tfisser li ġgħib merkanzija f'wieħed mit-territorji elenkati fl-Annessi I tad-Direttiva 97/78/KE bil-għan li tpoġġihom taħt il-proċeduri tad-dwana imsemmija fl-Artikolu 4(16)(a) sa (f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabilixxi l-Kodiċi tad-Dwana għall-Komunità⁽³⁾;
3. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju li huwa kkwalifikat li jassumi din il-funzjoni hekk kif maħtur mill-awtoritá kompetenti;
4. "Prodotti li oriġinaw mill-Annimali" tfisser prodotti miksuba minn annimali u prodotti dderivati minn dawn u li huma ddestinati għall-konsum uman, dan jinkludi annimali ħajjin li jkunu ppreparati għal dan l-iskop.

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-17.07.1999, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 31, 01.02.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).

Rekwiżiti ġenerali sanitarji għall-Annimali

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li f'kull stadju tal-produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali ġewwa l-Komunità, l-operaturi tal-kummerċ ta' l-ikel ma jwasslux għat-tixrid ta' mard trasmess lill-annimali, skond dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jittieħdu minn annimali li jaderixxu mal-kondizzjonijiet sanitarji stipulati mill-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità.

3. Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jittieħdu minn annimali:

- (a) li ma jġugx minn azjenda, stabbiliment, territorju jew parti minn territorju li huwa suġġett għal restrizzjonijiet tas-saħħa applikabbli għall-annimali u l-prodotti kkonċernati, taħt ir-regoli mniżżla fl-Annessi I;
- (b) li, fil-każ ta' laħam u prodotti tal-laħam, ma kienux maqtula fi stabbiliment fejn kien hemm annimali nfettati jew li huma ssuspetati li kienu nfettati minn xi marda msemmija f(a), jew fejn karkassi jew partijiet minn dawn l-annimali, kienu preżenti waqt il-qtil jew il-proċess tal-produzzjoni, kemm il-darba dan is-suspett ma jġugx mneħħi;
- (c) li, fil-każ ta' annimali ta' l-akwakultura u prodotti, jaderixxu mad-Direttiva 91/67/KEE⁽⁴⁾.

Artikolu 4

Derogi

1. Minkejja l-Artikolu 3 u suġġetti għall-konformitá mal-miżuri għall-kontroll tal-mard imsemmija f'L-Anness I, L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali ġejjin minn territorji jew partijiet minn territorji li huma suġġetti għal restrizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali iżda li ma jġugx minn azjenda li tkun infetata jew li tkun taħt suspett, iżda:

- (i) qabel ikunu suġġetti għat-trattament imsemmi iktar l-isfel, il-prodotti għandhom jittieħdu, ikunu mmaniġġjati, ittrasportati u maħżuna separatament jew fi żmien differenti, minn prodotti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha sanitarji għall-annimali, u l-kondizzjonijiet għat-trasportazzjoni barra mit-territorju suġġetti għal restrizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali, jkunu approvati mill-awtoritájjiet kompetenti;

⁽⁴⁾ ĠU L 46, tad-19.02.1991, p. 1.

- (ii) il-prodotti li għandhom jkunu sottoposti għal trattament huma identifikati b'mod ċar;
- (iii) il-prodotti jkunu sottoposti għal trattament li jeliminaw l-problemi sanitarji kkonċernati, u
- (iv) it-trattament jingħata fi stabbiliment rikonossut għal dak il-għan mill-Istati Membri fejn tkun verifikata problema sanitarja ta' l-animali.

Id-dispożizzjonijiet għall-ewwel subparagrafu għandhom ikunu applikati skond l-Anness II u III(1) għal dan, jew ma' regoli ddettaljati li għandhom ikunu addottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

2. Il-Produzzjoni, l-ipporossar u d-distribuzzjoni ta' prodotti ta' l-akwakultura li ma jħarsux il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu awtorizzati, u jkunu suġġetti għall-kondizzjonijiet msemmija fid-Direttiva 91/67/KEE u, fejn neċessarju, b'konformità ma' kondizzjonijiet li jkunu addottati fil-futur b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

3. Barra dan, fejn is-sitwazzjoni sanitarja tippermetti, id-deroga mill-Artikolu 3 tista' tingħata f'ċerti sitwazzjonijiet, b'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12(2). F'dawn il-każi, għandu jsir rendikont ta':

- (a) il-karatteristiċi speċifiċi tal-marda fl-ispeċi kkonċernat, u
- (b) kull analiżi jew miżuri li jkunu saru fir-rigward ta' l-animali.

Fejn jingħataw dawn id-derogi, għandhom jittieħdu passi li jassiguraw li l-livell ta' protezzjoni minn mard ta' l-animali ma jkun imnaqqas bl-ebda mod. Kull miżura li hemm b'żonn biex tassigura l-protezzjoni sanitarja ta' l-animali fil-Komunità għandha għalhekk tkun addotata b'konformità ma' l-istess proċedura.

Artikolu 5

Ċertifikati tal-veterinarji

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li prodotti li oriġinaw mill-animali u li huma ddestinati għall-konsum uman għandhom ikunu suġġetti għaċ-ċertifika tal-veterinarju billi:

- id-dispożizzjonijiet addotati għal raġunijiet sanitarji dwar l-animali taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva 89/662/KEE jirrikjedu li prodotti li oriġinaw mill-animali provenjenti minn Stat Membru għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa, jew
- tkun ingħatat deroga taħt l-Artikolu 4(3).

2. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2), regoli ta' implementazzjoni ddettaljati, u partikolarment mudell għal dawn iċ-ċertifikati, jistgħu jkunu stabbiliti waqt li jkun ikkunsidrat il-prinċipji ġenerali stipulati fl-Anness IV. Iċ-ċertifikati jistgħu jinkludu ddetalji meħtieġa għall-konformità ma' leġislażzjonijiet oħra tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sanità u l-animali.

Artikolu 6

Kontrolli veterinarji uffiċjali

1. Waqt li l-addożzjoni tar-Regolamenti tal-Parlament u tal-Kunsill li jistipulaw ir-regoli dwar l-igiene ta' ikel li joriġinaw mill-animali u regoli għall-kontrolli applikabli għall-oġġetti ta' l-ikel u għalf tal-bhejjem għadha pendenti, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li kontrolli uffiċjali sanitarji għall-animali jsiru mill-awtoritajiet kompetenti biex jassiguraw il-konformità ma' din id-Direttiva, u jassiguraw li r-regoli jkunu addottati biex din tkun implimentata flimkien ma' miżuri ta' ħarsien relatati ma' prodotti li joriġinaw mill-animali addottati skond din id-Direttiva. Bħala regola ġenerali, ispezzjonijiet għandhom isiru mingħajr preaviz u l-kontrolli jsiru b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/662/KEE.

2. Waqt li l-addożzjoni tar-Regolamenti tal-Parlament u tal-Kunsill li jistipulaw ir-regoli tal-igiene ta' ikel li joriġinaw mill-animali u regoli għall-kontrolli applikabli għall-oġġetti ta' l-ikel u għalf tal-bhejjem għadha pendenti, fejn ikun identifikat ksur tar-regoli sanitarji għall-animali, Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirimedjaw is-sitwazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/662/KEE.

3. Esperti mill-Kummissjoni flimkien ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru, jistgħu jeffettwaw kontrolli fuq il-post, inklużi verifiki, jekk dan ikun neċessarju għall-implimentazzjoni omeġġena ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri li għalihom jappartjeni t-territorji fejn ikunu saru l-kontrolli, għandhom jippovdu l-assistenza meħtieġa biex l-esperti jkunu jistgħu jwettqu dmirijiethom. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf ir-riżultati tal-kontrolli lill-awtorità kompetenti.

Jekk ikun identifikat riskju sanitarju serju għall-animali matul verifika jew ispezzjoni tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jisalvagwardja s-saħħa ta' l-animali. Jekk dawn il-miżuri ma jittieħdux, jew jekk jittqiesu li kienu nsuffiċjenti, il-Kummissjoni, b'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12(2), tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tisalvagwardja s-saħħa ta' l-animali u tinforma l-Istati Membri tagħha.

4. Ir-regoli li jiffasslu biex ikun implimentat dan l-Artikolu, u b'mod partikolari dawk li jirregolaw il-proċeduri tal-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, għandhom ikunu addotati b'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12(2).

II-KAPITOLU II

IMPORTAZZJONI MINN TERZI PAJJIŻI

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jassiguraw li prodotti li oriġinaw mill-animali ddestinati għall-konsum uman ikunu ntrodotti minn terzi pajjiżi biss, jekk dawn jikkonformaw ma' l-obligi ta' Kapitolu I li huwa applikabbli f'kull stadju tal-produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni ta' prodotti ta' dan it-tip fil-Komunità jew jekk ikollhom il-garanziji sanitarji ekwivalenti.

Artikolu 8

Konformità mar-regoli tal-Komunità

Biex tkun assigurata l-konformità mal-obligazzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, dawn li ġejjin għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2):

1. Listi ta' terzi pajjiżi jew reġjuni ta' terzi pajjiżi minn fejn importazzjoni ta' prodotti speċifikati hija permessa. Pajjiżi ta' terzi għandu jidher f'dawn il-listi biss, jekk tkun saret verifika ta' dak il-pajjiż mill-Komunità u din turi li l-awtoritajiet veterinarja kompetenti jipprovdu l-garanziji xierqa f'dak li jirrigwardja konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità.

Meta jitfasslu dawk il-listi jew ikunu aġġornati, għandu jkun kkunsidrat b'mod partikolari:

- (a) il-leġislazzjoni tal-pajjiżi ta' terzi;
- (b) l-organizzazzjoni ta' l-awtoritajiet veterinarji kompetenti u s-servizzi ta' superviżżjoni fil-pajjiżi ta' terzi, il-poteri li għandhom dawn is-servizzi, is-sorveljanza li ssir ta' dawn is-servizzi u l-mezzi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, li jinkludu staff neċessarju biex ikunu jistgħu jimplimentaw il-leġislazzjoni b'mod effettiv;
- (c) l-ħtiġiet reali dwar is-sanità ta' l-annimali li japplikaw għall-produzzjoni, manifattura, maniġġ, ħażna, u l-mod kif jintbagħtu l-prodotti li joriġinaw mill-annimali ddestinati għall-komunità;
- (d) il-garanziji li l-awtoritajiet veterinarji kompetenti tal-pajjiżi ta' terzi jkun jista' jagħti fir-rigward tal-konformità jew l-ekwivalenti tal-kondizzjonijiet sanitarji għall-annimali;
- (e) l-esperjenzi akwiziti mit-tqiegħid fis-suq tal-prodott mill-pajjiżi ta' terzi u r-riżultati ta' kontrolli fuq l-importazzjoni li jkun saru;
- (f) ir-riżultati ta' spezzjonijiet u/jew verifiki li saru fil-pajjiżi ta' terzi, u b'mod partikolari r-riżultati ta' l-istima li tkun saret mill-awtoritajiet kompetenti jew, meta il-Kummissjoni titlob dan, jingħata r-rapport imressaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi ta' terzi dwar l-ispezzjonijiet li huma jkun għamlu;
- (g) l-istat tas-saħħa tal-bhejjem tat-trobbija, ta' annimali oħra domestiċi, u annimali selvaġġi fil-pajjiżi ta' terzi, u b'attenzjoni partikolari għal mard ta' annimali eżotiċi u kull aspekt ieħor tas-sitwazzjoni sanitarja ġenerali fil-pajjiżi li jista' jkun ta' riskju għas-saħħa tal-pubbliku jew ta' l-annimali fil-Komunità;
- (h) ir-regolarità, veloċità u l-eżattezza li biha l-pajjiżi ta' terzi jagħti l-informazzjoni fuq l-eżistenza ta' mard infettiv jew kontaġjuż ta' l-annimali fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari dak il-mard li għandu jkun notifikat kif elenkat mill-Organizzazzjoni Dinija għas-saħħa ta' l-Annimali (OIE), jew fil-każ ta' mard ta' l-annimali ta' l-akwakultura, il-mard li għandu jkun notifikat kif elenkat fil-Kodiċi għas-Saħħa ta' l-Annimali Akwatiċi ta' l-OIE;
- (i) ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv jew kontaġjuż ta' l-annimali fis-seħħ fil-pajjiżi ta' terzi u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi r-regoli dwar l-importazzjoni minn pajjiżi oħra.

2. Il-Kummissjoni ser tiegħu l-passi meħtieġa biex tiġbor elenki aġġornati b'konformità ma' dan l-Artikolu li jkun aċċessibbli għall-pubbliku. Elenki miġbura b'konformità ma' dan l-Artikolu jistgħu jkun kkombinati ma' listi oħra li għandhom il-għan li jindirizzaw is-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku u jistgħu jinkludu mudelli ta' ċertifikati tas-saħħa.

3. Regoli dwar l-oriġini ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u l-annimali li minnhom jkun tteħdu l-prodotti, għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

4. Kondizzjonijiet speċjali ta' l-importazzjoni għal kull pajjiż ta' terzi jew grupp ta' pajjiżi ta' terzi, b'konsiderazzjoni għas-sitwazzjoni sanitarja ta' l-annimali fil-pajjiżi jew pajjiżi ta' terzi kkonċernati, għandhom ikunu stabbiliti b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

5. billi fejn neċessarju:

- ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu,
- kriterji biex ikunu kklassifikati pajjiżi ta' terzi u reġjuni tagħhom b'referenza għall-mard ta' l-annimali u
- regoli speċifiċi li jikkonċernaw tipi ta' introduzzjonijiet jew prodotti partikolari, bħal l-introduzzjoni ta' prodotti minn vjaġġaturi jew l-introduzzjoni ta' kampjuni kummerċjali,

jistgħu jkun stabbiliti skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12(2).

Artikolu 9

Dokumenti

1. Ċertifikat veterinarju li jkun konformi mar-reqwiziti msemmija fl-Anness IV għandu jkun ppreżentat flimkien mal-kunsinna tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali hekk kif jiddaħħlu fil-Komunità.

2. Iċ-ċertifikat veterinarju għandu jiċċertifika li l-prodott jissodisfa:

(a) il-ħtiġiet imsemmija għal dawn it-tipi ta' prodotti taħt din id-Direttiva u taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità li jstipolaw l-ħtiġiet sanitarji dwar l-annimali jew id-dispożizzjonijiet li huma ekwivalenti ma' dawk il-ħtiġiet: u

(b) kwalunkwe kondizzjoni speċjali ta' l-importazzjoni stabbilita b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

3. Id-dokumenti jistgħu jinkludu dettalji meħtieġa skond dispożizzjonijiet oħra tal-leġislazzjoni dwar is-sanità għall-pubbliku u l-annimali tal-Komunità.

4. B'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12(2):

- (a) dispożizzjonijiet jsiru għall-użu ta' dokumenti eletroniċi,
- (b) jistgħu jitfasslu dokumenti mudelli,
- (c) regoli u ċertifikati għat-Transitu jistgħu jkun stabbiliti.

Artikolu 10

Ispezzjonijiet u verifiki tal-Komunitá

1. Ispezzjonijiet jew/u verifiki fl-istadji kollha li jaqgħu taħt din id-Direttiva jistgħu jsiru fil-pajjiżi terzi minn esperti mill-Kummissjoni bl-iskop li jverifikaw il-konformitá jew l-ekwivalenti mar-regoli sanitarji għall-annimali fil-komunitá. L-esperti mill-Kummissjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn esperti oħra mill-Istati Membri li jkunu awtorizzati mill-Kummissjoni biex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet u/jew verifiki.

2. L-ispezzjonijiet u/jew il-verifiki li jsiru fil-pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jsiru fisem il-Komunitá, umbagħd il-Kummissjoni tħallas in-nefqa nvoluta.

3. Il-proċedura magħżula biex isiru l-ispezzjonijiet u/jew il-verifiki fil-pajjiżi terzi u msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkun stabbilitá jew modifikatá b'konformitá mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

4. Jekk ikun identifikat riskju sanitarju serju għall-annimal matul ispezzjoni jew verifika tal-Komunitá, il-Kommissjoni għandha tiegħu l-miżuri neċessarji mmedjatament biex tissalvagwardja is-saħħa ta' l-annimal, skond l-Artikolu 22 tad-Direttiva 97/78/KE, u tinforma l-Istati Membri tagħha.

IL-KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 11

Aġġornamenti ta' l-annessi tekniċi

L-annessi għal dan jistgħu jkunu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) biex tikkonsidra b'mod partikolari li ġej:

- (i) opinjonijiet xjentifiċi u tagħrif xjentifiku, l-iktar dak li jikkonċerna valutazzjoni ta' riskji ġodda;
- (ii) żvillupi tekniċi; u
- (iii) l-iffissar ta' objettivi tas-sigurezza għas-saħħa ta' l-annimali.

Artikolu 12

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni ser tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-katina ta' l-ikel u s-Sanitá ta' l-Annimali mwaqqfa bis-saħħa ta' l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

2. Fejn ikun hemm referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jaddotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 13

Dispożizzjonijiet transizzjonali

1. Ir-regoli dwar sanitarji dwar l-annimali kif stipulati fid-Direttivi elenkati fl-Anness V ma għandomx jibqgħu japplikaw mid-data msemmija fl-Artikolu 14(1).

2. Ir-regoli ta' implimentazzjoni addottati fuq il-bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm regoli li jkollhom l-istess effett ikunu addottati fuq il-bażi ta' din id-Direttiva.

3. Miżuri transitorji jistgħu jkunu stipulati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jipubblikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 2005. Huma għandhom jinformat lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew inkella għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza simili fil-mument li huma jkunu ppubblikati uffiċjalment. Il-proċedura li biha jsiru dawn ir-referenzi għandha tkun addottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-liġi nazzjonali li jkunu addottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 15

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara li tkun ipubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 16

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

Fisem il-Kunsill

Il-President

M. FISCHER BOEL

L-ANNEX I

Mard li għandu jkun ikkunsidrat fil-Kummerċ ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, u li minnħabba fih, miżuri ta' kontroll kienu ntrodotti taħt il-leġislażzjoni tal-Komunità

MARDA	DIRETTIVA
Deni tal-ħnieżer klassiku	Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE dwar miżuri meħuda mill-Komunità biex tikkontrolla id-deni tal-ħnieżer klassiku
Deni tal-ħnieżer Afrikan	Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tistipola dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll tad-deni tal-ħnieżer Afrikan
Il-marda tal-lsien u d-dwiefer	Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tal-lsien u d-dwiefer
Influenza Aviana	Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE li tintroduċi l-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-influenza Aviana
Virus respiratorju tat-tjur (<i>Newcastle disease</i>)	Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE li tintroduċi miżuri għall-kontroll tal-virus respiratorju tat-tjur (<i>Newcastle disease</i>)
Rinderpest Pesta tan-nagħaġ u l-mogħoż Marda Vexxikoluża tal-ħnieżer	Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE li tintroduċi miżuri generalital-Komunità għall-Kontroll ta' ċerti annimali-mard u miżuri speċifiċi relatati ma' mard ta' infafet tal-ħnieżer (Mard vexxikoluż)
Mard ta' l-akwakultura	Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-mod kif annimali u prodotti ta' l-akwakultura jitqiegħdu fis-suq Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE li tintroduċi miżurimill-Komunità għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE li tintroduċi l-miżuri tal-Komunità minimi għall-kontroll ta' ċertu mard li jaffettwa l-mollusk bivalvi

L-ANNEX II

Marka ta' identifikazzjoni speċjali għal laħam minn territorju jew parti ta' territorju.

1. Il-marka sanitarja għal laħam frisk għandha turi salib diagonali magħmul minn żewġ linji dritti li jinterċettaw fiċ-ċentru tat-timbru u b'mod li jħallu l-informazzjoni mniżżla tkun leġġibbli.
2. Il-marka msemmija fil-paragrafu 1 tista' wkoll tkun applikata permezz ta' bolla ovali unika, wiesgħa 6.5cm b' għoli ta' 4.5cm; l-informazzjoni segwenti għandha tidher fuq il-marka b'ittri li jkunu perfettament leġġibbli:
 - fil-parti ta' fuq, l-isem jew il-kodiċi ta' l-Istati Membri b'ittri kbar: AT, BE, DE, DK, ES, FI, FR, GR, IE, IT, LU, NL, PT, SE u UK,
 - fiċ-ċentru, in-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja tal-biċċerija,
 - fil-parti ta' isfel, wieħed mill-gruppi ta' inizzjali segwenti CE, EC, EF, EG, EK jew EY,
 - żewġ linji dritti li jinterċettaw fiċ-ċentru tal-bolla b'mod li l-informazzjoni tkun ċara.

L-ittri għandhom ikunu minn ta' l-inqas 0.8cm għoljin u l-figuri jkunu ta' 1cm minn ta' l-anqas.

Il-bolla għandha wkoll turi informazzjoni li tippermetti li l-veterinarju li jkun spezzjona l-laħam ikun identifikat.

Il-marka għandha tkun applikata taħt is-superviżżjoni ta' l-uffiċjal veterinarju li jkun jikkontrolla l-implimentazzjoni tal-ħtiġiet sanitarji ta' l-annimali.

1. Trattamenti bil-għan li jeliminaw ċerti riskji sanitarji għall-annimali konnessi mal-laħam u l-ħalib

Trattament tal-LAĦAM (*)	Marda							
	Marda tal-lsien u d-dwiefer	Den i tal-ħnieżer klassiku	Marda vexxikoluża tal-ħnieżer	Den i tal-ħnieżer Afrikan	Rinderpest	Virus respiratorju tat-tjur (<i>Newcastle disease</i>)	Influenza Avjana	Pesta tan-nagħaġ u l-mogħoż
(a) trattament bis-šhana f'kontenitur magħluq b'mod ermetiku b'valur F0 ta' 3.00 jew aktar (**)	+	+	+	+	+	+	+	+
(b) trattament bis-šhana f'temperatura minima ta' 70 °C, li għandha tilħaq kull parti tal-laħam	+	+	+	0	+	+	+	+
(c) trattament bis-šhana f'temperatura minima ta' 80 °C, li għandha tilħaq kull parti tal-laħam	+	+	+	+	+	+	+	+
(d) trattament bis-šhana f'kontenitur magħluq b'mod ermetiku sa minn ta' l-anqas 60 °C għal erba' sigħat minimament, li matulhom it-temperatura fil-parti ċentrali għandha tkun minn ta' l-anqas 70 °C għal 30 minuta	+	+	+	+	+	-	-	+
(e) Fermentazzjoni naturali u proċess ta' maturità għal mhux anqas minn disa' xhur għal laħam mingħajr għadam, li jwassal biex ikun hemm dawn il-karatteristiċi li ġejjin: Valur Aw ta' mhux aktar minn 0,93 jew valur pH ta' mhux aktar minn 6,0	+	+	+	+	+	0	0	0
(f) L-istess trattament imsemmi fil-(e) aktar 'l fuq għalkemm il-laħam jista' jkun bil-għadam (*)	+	+	+	0	0	0	0	0
(g) Salami: trattament b'konformità mal-kriterji li huma deskritti fil-proċedura ta' l-Artikolu 12(2) u bbażat fuq l-opinjoni tal-kumitat Xjentifiku rilevanti	+	+	+	0	+	0	0	0
(h) Perzütijiet u flett: trattament li jinvolvi fermentazzjoni naturali u proċess ta' maturazzjoni għal minn ta' l-anqas 190 ġurnata għal perzütijiet u 140 ġurnata għal flett	0	0	0	+	0	0	0	0
(i) it-trattament bis-šhana jrid jassigura temperatura ta' minn ta' l-anqas 65°C fil-parti ċentrali fil-ħin li hu neċessarju biex jintlaħaq valur ta' pasturizzazzjoni (pv) ta' 40	+	0	0	0	0	0	0	+

Trattament tal-LAĦAM (*)	Marda							
	Marda tal-lsien u d-dwiefer	Den i tal-ħnieżer klassiku	Marda vexxikoluża tal- ħnieżer	Den i tal-ħnieżer Afrikan	Rinderpest	Virus respiratorju tat-tjur (<i>Newcastle disease</i>)	Influenza Avjana	Pesta tan-nagħaġ u l-mogħoż
ĦALIB u prodotti tal-ħalib (inkluża krema) għall-konsum uman								
(a) Temperatura għolja ħafna (UHT) (UHT <i>ultra-high temperature</i> = temperatura minima ta' 132 Code en erreur: 8e)C għal mill- anqas sekonda)	+	0	0	0	0	0	0	0
(b) Jekk il-ħalib għandu pH anqas minn 7,0, temperatura għolja sempliċi - pasturizazzjoni għal ħin qasir (HTST = <i>high temperature -short time pasteurisation</i>)	+	0	0	0	0	0	0	0
(ċ) Jekk il-ħalib għandu pH ta 7,0 jew aktar, tirdoppja il-HTST	+	0	0	0	0	0	0	0

+: Effettività identifikata

0: Effettività mhux identifikata.

(*) Għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji biex ikun evitat kontaminazzjoni minn xulxin.

(**) FO hija l-kalkolazzjoni ta' l-effett qerriedi fuq l-ispori tal-batterji. Valur FO ta' 3,00 ifisser li l-iktar punt kiesaħ fil-prodott huwa msaħħan biżżejjed biex ikollu l-istess effett qerriedi ta' 121 °C (250 °F) fi tlett minuti billi jissaħħan u jikkessah instantanjament.

L-ANNEX IV

Prinċipji ġenerali taċ-ċertifikazzjoni

1. Ir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti li jispedixxu l-prodotti, u li jhorigu ċertifikat biex jakkompanja il-konsennja ta' prodotti li joriġinaw mill-animali għandhom jiffirmaw iċ-ċertifikat u jassiguraw li jkollu fuqu t-timbru uffiċjali. Din il-ħtieġa tapplika għal kull folja taċ-ċertifikat jekk dan ikun jikkonsisti fiżjed minn waħda.
 2. Iċ-ċertifikati għandhom jinkitbu fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn ikun iddestinat u fil-lingwa ta' l-Istat Membru minn fejn issir l-ispezzjoni, jew ikun akkumpanjat bi traduzzjoni ċċertifikata f'dik il-lingwa jew lingwi. Madankollu, Stat Membru jista' jaċċetta li juża lingwa uffiċjali tal-Komunità minflok dik tiegħu propja.
 3. Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkumpanja l-konsenji meta dawn jidħlu fil-Komunità.
 4. Iċ-ċertifikatu għandhom jinkludu:
 - (a) folja tal-karti waħda, jew
 - (b) żewġ paġni jew aktar li jagħmlu parti minn folja tal-karti waħda mhux maqsuma, jew
 - (ċ) sekwenza ta' paġni nnumerati b'mod li jindika li l-paġna partikolari hija waħda fsekwenza finita (per eżempju, "paġna 2 minn 4").
 5. Iċ-ċertifikati għandhom juru numru ta' identifikazzjoni uniku. Fil-każ li iċ-ċertifikat jikkonsisti fsekwenza ta' paġni, kull paġna għandha turi dan in-numru.
 6. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ qabel ma l-konsennja relatata titlaq mill-kontroll ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jispedixxi.
-

L-ANNESS V

1. Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi sanitarji li jaffettwaw il-kummerċ intra-Kommunitarju ⁽¹⁾, hekk kif l-aħħar emendata bil-Att ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja.
2. Direttiva tal-Kunsill 80/215/KEE tat-22 ta' Jannar 1980 dwar problemi sanitarji ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Kommunitarju tal-prodotti tal-laħam ⁽²⁾, hekk kif l-aħħar emendata bil-Att ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja.
3. Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar il-kondizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Kommunitarju u importazzjoni ta laħam frisk tat-tjur fil-u minn pajjiżi terzi ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata fid-Direttiva 93/121/KE.
4. Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tikkonċerna s-saħħa pubblika u problemi sanitarji ta' l-annimali li jaffettwaw il-produzzjoni u tqiegħid fis-suq ta' laħam tal-fniek u laħam ta'annimali mrobbija tal-kaċċa ⁽⁴⁾, hekk kif l-aħħar emendata bil-Att ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja.
5. Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 dwar is-saħħa pubblika u problemi tas-saħħa ta' l-annimali rrelatati mal-qtil ta' annimali selvaġġi tal-kaċċa u tqiegħid fis-suq ta' laħam ta' annimali tal-kaċċa selvaġġi ⁽⁵⁾, hekk kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE.
6. Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistipola r-regoli sanitarji għall-produzzjoni u tqiegħid ta' ħalib mhux ipproċessat, ħalib li jkollu trattament bis-sħana, u prodotti li għandhom bażi ta' ħalib fis-suq. ⁽⁶⁾
7. Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1994 li tistipola l-ħtiġiet għall-produzzjoni u tqiegħid ta' laħam ikkapuljat u preparamenti tal-laħam fis-suq ⁽⁷⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 302, 31.12.72, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 47, 21.02.80, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 268, 24.09.91, p. 35.

⁽⁴⁾ ĠU L 268, 24.09.91, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 268, 14.09.92, p. 35.

⁽⁶⁾ ĠU L 268, 14.09.92, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 368, 31.12.94, p. 10.